**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 15 ta` Mejju 2020**

**Rik. Nru. 32/2019 JZM**

**Emanuel Vella (KI 23958M) u martu Rita Vella (KI 398962M) ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

**Emanuel Censu Scicluna [Passaport Numru 515859890 bhala Direttur tal-Kumpannija Docklands Limited (C42813); u**

**Victoria Park Limited (C46014)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Emanuel Vella u martu Rita Vella fit-3 ta` Frar 2020.

Rat id-digriet li tat fil-11 ta` Frar 2020 fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimati Emanuel Censu Scicluna u Victoria Park Limited b`erbat ijiem zmien min-notifika sabiex jipprezentaw risposta.

Rat illi z-zewg intimati kienu notifikati separatment.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Emanuel Censu Scicluna fil-11 ta` Marzu 2020.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

B`referenza ghar-risposta tal-intimat Scicluna, tosserva *in primis* li l-provvediment tal-lum qieghed jinghata kameralment. Il-ligi la tirrikjedi u lanqas tippreskrivi forma ta` kif ghandu jinghata provvediment ta` din ix-xorta.

Premessa din l-osservazzjoni ta` dritt, tqis illi **mhuwiex** fl-interess ta` **ebda** parti li *pendente lite* jkun disturbat l-*istatus quo* fil-kumpannija ntimata li kien fis-sehh **qabel** il-presentata tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Tqis illi huwa evidenti mill-premessi tar-rikors odjern li l-hsieb tar-rikorrenti huwa **limitat** propju sabiex jikkonserva l-i*status quo ante* mhux li jgieghel lill-qorti sabiex fil-provvediment taghha taghmel xi konsiderazzjoni li tiskonfina fil-mertu tal-istanza bejn il-partijiet.

Tqis li ghalkemm fit-tielet talba fil-kawza, jidher li r-rikorrenti talbu sabiex l-assi tal-kumpannija ntimata ma jkunux trasferiti ghad-detriment taghhom, qabel mal-qorti tippronunzja ruhha, ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-kawzali u l-fatti **fil-mertu** li wassluhom sabiex jippromwovu l-azzjoni.

Tqis li fil-provvediment li sejra taghti llum la qeghda taghmel konsiderazzjonijiet fil-mertu u lanqas ma qeghda taghmel xejn ghad-detriment ta` xi parti fil-kawza.

Tqis il-posizzjoni li ha l-intimat fl-ahhar paragrafu tar-risposta.

Tqis li l-partijiet ghandhom jifhmu sewwa li fil-provvediment odjern ma sejra tghid xejn li b`xi mod jista` jiftiehem bhala xi espressjoni jew pronunzjament min-naha taghha dwar il-mertu. Tishaq fuq dan specjalment tenut kont tal-fatt li sal-lum m`ghadx kien hemm smigh jew gbir ta` provi.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi tordna li *pendente lite* ma jsir l-ebda trasferiment ta` assi tal-kumpannija ntimata minghajr l-approvazzjoni taghha.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**